MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 990/2006

**Fogg Insurance Agencies Ltd Noe**

**Vs**

**Ashraf Sallam**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta` Novembru, 2006 fejn gie mitlub illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u tnejn u tlettin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm232.53) rapprezentanti rifuzjoni ta` flus imhallsa mill-istess socjeta` attrici a bazi ta` incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta` Awissu, 2005 u dana in vista tal-fatt illi l-istess konvenut baqa` ma hallas l-excess payment kif marbut permezz ta` l-istess polza. Intalbu wkoll illi jigi kkundannat ihallas l-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali li giet ipprezentata ai termini tal-Artikolu 166 (a), Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta datata 21 ta` Lulju, 2006 u bl-interessi legali dekorribli mid-data tan-

notifika ta` l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut illi gie msejjah jidher ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici kkunsidra illi s-socjeta` attrici hija gustifikata li titlob tali refuzjoni a bazi tal-polza in kwistjoni u kif ukoll a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta sema` lix-xhud Dottoressa Ramona Frendo prodotta mis-socjeta` attrici li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` mitejn u tnejn u tlettin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm232.53) bl-imghaxijiet legali dekorribli bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-prezentata tal-odjerna avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------